MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 949/1988/1

France Cutajar
vs
Francis Fenech

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ppremetta:

Peress illi l-kontendenti kienu ftehemu li jaghmlu negozju bi shab konsistenti f’illi l-attur johrog il-flus biex tinxtara bicca art u l-konvenut jiehu hsieb jixtriha fuq ismu, ibieghha fi plots u wara jinqasam il-qliegh bejn il-kontendenti.

Peress illi in ezekuzzjoni ta’ dan il-ftehim, fid-19 ta’ Gunju 1987 l-attur kien ta lill-konvenut erbatax-il elf lira Maltin (Lm14,000) biex l-istess konvenut jixtri bihom bicca art, fiha sbatax-il plot, mill-art maghrufa “Tal-Gandlora” f’Haz-Zebbug, Malta, u l-konvenut obbliga ruhu li jixtri l-istess

art, ibiegh il-plots u jaqsam il-qliegh minn dan il-bejgh ma' l-attur.

Peress illi inoltre fl-istess negozju, il-konvenut obbliga ruhu wkoll li jipprokura Tomna art f'San Pawl tat-Targa lill-attur u li jittrasferixxi zewg plots mill-imsemmija art "Tal-Gandlora" fuq isem it-tifla ta' l-attur Semira Cutajar.

Peress illi kif kien mifthiem, il-konvenut kien xtara l-art in kwistjoni u beda jbieghha fi plots, oltre li kien dahal f'diversi konvenji ghall-bejgh ta' plots ohra.

Peress illi b'danakollu, mitlub mill-attur biex jirrendi kont ta' dan in-negozju bi shab, u biex jaghti l-informazzjoni kollha dwar l-istess negozju inkluz il-kopji tal-kuntratti u tal-konvenji, il-konvenut l-ewwel sostna li kien ghadu ma biegh xejn u ma nkassa ebda flus, u wara mhux biss irrifjuta li jaghti lill-attur sehemu mill-qliegh, talli kien irrifjuta sahansitra li jirritorna lill-attur l-erbatax-il elf lira mahruga minnu. Inoltre kien irrifjuta li jittrasferixxi zewg plots fuq it-tifla ta' l-attur u naqas ukoll li jipprokura l-art f'San Pawl tat-Targa kif kien obbliga ruhu.

Peress illi biex seta' johrog l-erbatax-il elf lira l-attur kellu jissellef mill-Bank of Valletta, fuq garanzija ta' flus barranin, u konsegwentement wehel u ghadu qed jehel spejjez u imghax barra li kien ser jitlef flus ohra minhabba d-differenzi fil-kambju, dan kollu bi htija tal-konvenut minhabba l-inadempjenzi tal-obbligi assunti minnu.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-konvenut jipprezenta rezokont tan-negozju fuq imsemmi, fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss lilu mill-Qorti.

2. Sussegwentement tillikwida okkorrendo bl-operat ta' perit nominand, il-qliegh maghmul fl-istess negozju, u s-sehem dovut lill-attur.

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-sehem mill-qliegh hekk likwidat bhala dovut lill-istess attur.

4. Tikkundanna lill-konvenut inoltre, ihallas lura lill-attur l-erbatax-il elf lira Maltin zbursati minnu ghan-negozju kif fuq inghad.

5. Tiddikjara li l-istess konvenut kien naqas li jonora l-obbligi assunti minnu taht il-ftehim ta' negozju kif inghad u tikkundannah responsabbli ghad-danni kollha kagonati minnu lill-attur.

6. Tillikwida d-danni kagonati lill-attur b'konsegwenza tal-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut kif inghad.
7. Tikkundanna lill-koknvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi l-fehim ta' bejn il-kontendenti ma kienx ghadu aktar vinkolanti, peress li l-attur naqas li jikkonsenja lill-konvenut, is-somma addizzjonali ta' (Lm6,000) sitt elef lira fi zmien tliet xhur mid-data ta' l-iskrittura, u ghalhekk it-talbiet kollha attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan in virtu` tal-massimu legali "contra non ademplendi non est ademplendum".

2. Illi l-konvenut kien offra li jirrifondi lill-attur l-ammont minnu mhallas ta' (Lm14,000) erbatax-il elf lira, dikinhar li saret l-iskrittura, b'ittra tal-21 ta' Settembru 1988, u stante r-rifjut ta' l-attur, iddepozita l-istess somma fir-Registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 1988, Cedola numru 55/88.

3. Illi ghalhekk il-kawza saret inutilment u l-konvenut ipprotesta ruhu ghall-ispejjez inutili ta' dawn il-proceduri.

4. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra, u b'riserva ghal kull azzjoni inkluza dik ta' danni kontra l-attur, spettanti lill-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat il-Kontro-Talba tal-konvenut ghall-fini rikonvenzjonali.

Peress li bi skrittura tad-19 ta' Gunju 1987, kopja prezentata mal-kontro-talba u mmarkata Dok. A, Francis Cutajar hallas lil Francis Fenech is-somma ta' (Lm14,000) erbatax-il elf lira, u obbliga ruhu li fi zmien 3 xhur ihallas (Lm6,000) sitt elef lira ohra biex tinxtara bicca art f'Zebbug, Malta u l-qliegh jinqasam bejniethom.

Peress li Francis Cutajar naqas li jhallas lil Francis Fenech l-ammont addizzjonali ta' Lm6,000 sitt elef lira, fi zmien tlett xhur mid-data ta' l-iskrittura, kif obbliga ruhu li jaghmel, u ghalhekk l-istess ftehim ta' bejniethom m'ghadux aktar vinkolanti minhabba l-inadempjenza da parti ta' l-istess Francis Cutajar u ghalhekk ghandu jigi dikjarat rexiss.

Peress illi l-ammont imsemmi ta' Lm14,000 erbatax-il elf lira gie regolarment depozitat mill-konvenut fir-Registru ta' din il-Qorti b'cedola ta' depozitu tat-3 ta' Ottubru 1988, numru 55/88 stante r-rifjut ta' l-istess Francis Cutajar.

Peress li l-istess Francis Cutajar illegalment ottjena l-hrug tal-mandat kawtelatorju, Sekwestru u Impediment, rispettivament numri 1501 u 1502 ta' l-1988 fit-12 ta' Awissu, 1988 ta' l-ammont ta' Lm25,000 hamsa u ghoxrin elf lira li ma segwihomx bil-prezentata tac-citazzjoni, u wara li saru l-kontro-mandati relattivi ottjena l-hurg mill-gdid ta' mandata ta' Qbid 1720/88 ghal Lm30,000 tletin elf lira u Sekwestru ghall-istess ammont, numru 1719/88 it-tnejn ipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni fit-23 ta' Settembru 1988.

Peress li dawn il-mandati kienu saru illegalment, huma ta' pregudizzju serju ghall-konvenut, u kienu qed jirrekawlu d-danni.

Il-konvenut talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara xolt il-ftehim ta' bejn il-kontendenti tad-19 ta' Gunju, 1987 minhabba l-inadempjenza ta' l-istess Francis Cutajar, li naqas li jhallas l-ammont addizzjonali ta' Lm6,000 kif obbliga ruhu li jaghmel b'mod li l-partijiet jitpoggew fl-istatus quo ante, b'dan li Cutajar ikollu d-dritt biss ghall-ammont minnu originarjament imhallas fuq l-iskrittura, li sussegwentement gie depozitat il-Qorti.

2. Tiddikjara li l-hurg tal-mandati kawtelatorji ta' Sekwestru u Qbid numru 1719/88 u 1720/88 fl-ismijiet "France Cutajar vs Francis Fenech" tat-23 ta' Settembru, 1988 fic-cirkostanzi saru illegalment u tordna r-rexissjoni taghhom.

3. Tiddikjara lill-istess Francis Cutajar responsabbli ghad-danni, fil-konfront tal-konvenut li dawn jigu likwidati u li l-istess Francis Cutajar jigi kkundannat ihallas lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-kontro-mandati numri 1599/88 u 1600/88 tal-31 ta' Awissu 1988 u bl-ingunzjoni ta' l-istess Francis Cutajar ghas-subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.

1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement kellhom jigu michuda.

2. Illi l-attur kellu johrog biss l-erbatax-il lira mhallsa minnu ghan-negozju miftiehem. Kien il-konvenut li kellu jipprokura s-sitt elef lira l-ohra.

3. Illi f'kull kaz u bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut wettaq u ratifika l-obbligazzjoni bl-

ezekuzzjoni volontarja u b'atti ohra tieghu li juru l-intenzjoni li jinghata effett ghall-obbligazzjoni u b'hekk racitament irrinunzja ghal kull dritt ta' rexxissjoni li seta' talvolta kellu kieku kien il-kaz.

4. Illi konsegwentement it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali huma insostenibbli billi l-attur kellu dritt jipprotegi u jikkawtela d-drittijiet tieghu.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur mac-citazzjoni u man-nota tal-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut man-nota tal-eccezzjonijiet u kontro-talba.

Rat id-dokument a fol 5 tal-process li kien sar bejn il-partijiet li jaqra hekk:
"Jiena Francis Cutajar qieghed nipprezenta cheque No: K/203814 lil Francis Fenech sabiex jixtri (17) sbatax-il Plot art Haz-Zebbug imsejha tal-Gandlora. Jiena ha naghtih (14,000) erbatax-il elf lira Maltin u jibqa' (6,000) sitt elef ohra li jridu jithallsu sa zmien (3) tliet xhur mil-lum; u Francis Fenech jobbliga ruhu li jbiegh minn dawn il-plots, u jobbliga ruhu wkoll sabiex jirrangali fuq tomna art ghalija San Pawl tat-Targa. Dawn il-plots huma li l-qliegh taghhom huwa bi shab."

Il-partijiet accettaw li din kienet skrittura u gharfu l-firem taghhom fuqha.

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Frar 1989 fejn Dr. Carmelo Vassallo gie nominat bhala Perit Legali li bhala Konsiderazjonijiet Legali semma li:
**"Riepilogu**

1. F’din il-kawza l-attur qieghed jitlob l-ezekuzzjoni tal-ftehim Dokument A u l-konvenut kellu jixtri art fuq ismu u jbieghha fi plots u l-qliegh jinqasam.

2. Il-konvenut qieghed jeccepixxi illi l-attur hu inadempjenti billi ma hallsux is-Lm6,000 li kellu jhallas fi zmien tliet xhur ghax-xiri ta’ l-art.

3. Il-partijiet qablu li l-esponent ghandu jirrelata fuq l-eccezzjoni preliminari “inadempleti contractu”.

4. Il-provi tal-partijiet huma indikati fil-Kapitoli III u IV.

5. Il-kontestazzjonijiet ta’ fatt huma indikati fil-Kapitolu V.

6. Fil-Kapitolu VI hemm il-konsiderazzjonijiet legali. Ezaminata l-eccezzjoni inadempleti contractus fil-Kodici Taljan, fil-Ligi taghna, u fil-gurisprudenza legali. Indikata l-posizjoni legali fl-opinjoni umili tal-esponent.

7. Konstatata li fil-fatt l-attur hu inadempjenti ghax naqas li jhallas fi zmien tliet xhur skond il-kuntratt. Il-versjoni tieghu illi l-hlas kellu jsir mill-qliegh mhix verosimili, ghaliex il-hlas kellu jservi ghax-xiri ta’ l-art, u anqas gustifikata legalment ghaliex tmur kontra l-ftehim ta’ tliet xhur pattwit fl-iskrittura.

8. L-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha fis-sens li hu ghandu d-dritt jeccepixxi l-***exceptio inadempleti contractu***, pero` jrid jagixxi ghax-xoljiment (kif ghamel bil-kontro-talba).”

Din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta’ Novembru 1997 b’ riferenza ghal dak li l-partijiet iddikjaraw fis-seduta tas-16 ta’ Frar 1996 qablu biex il-Perit Legali jiddeciedi fuq il-punt jekk il-ftehim ghadux vinkolanti minhabba l-allegata inadempjenza da parti tal-attur. Wara li ezaminat ix-xhieda u l-konkluzjonijiet tal-Perit Legali kkonkludiet li s-sentenza kellha tkun limitata f’ dak l-istadju lejn l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut fejn talab ir-rexxissjoni

tal-ftehim maghmul bejn il-partijiet in vista tan-nuqqas tal-attur. Ikkonkludiet li ***in linea*** ma' dak provvdut fl-artikolu 1068 tal-Kodici Civili li taghti xahar zmien mid-data tas-sentenza lill-attur biex jivversa r-rimanenti Lm6000 lill-konvenut u li fin-nuqqas il-ftehim bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat xolt. Halliet riservat favur il-konvenut id-dritt ghall-hlas tad-danni kif provvdut fl-artikolu 1069(2) bl-ispejjez ta' dik il-parti a karigu tal-attur immaterjalment mill-ezitu finali tal-kawza.

Minhabba l-appelli involuti l-kawza marret quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u giet deciza fis-6 ta' Ottubru 1999 wara li l-Qorti ezaminat l-Appell principali u dak incidentali. Wara li l-Onorabbli Qorti qieset il-fatturi kollha kkonkludiet li "Din il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma li mhux kull inadempjenza kontrattwali tipprovoka l-kundizzjoni rizolutiva tacita insista fil-kuntratti bilaterali, kemm fil-kazijiet fejn il-Kodici Civili jirrikjedi dikjarazzjoni gudizzjarja kif ukoll fil-kazijiet fejn ir-rizoluzzjoni hi wahda ipso jure kif provvdut fil-Kodici tal-Kummerc… Fejn il-pregudizzju ma jkunx gravi, il-Qorti ma kellhiex tifhem li l-partijiet kellhom itendu biex jesigu r-rizoluzzjoni tal-ftehim. F' sitwazzjoni ta' din ix-xorta, ma jfissirx illi l-parti inadempjenti setghet impunement ma tezegwix dak li kienet obbligata skond il-ftehim li taghmel. Ghall-kuntrarju l-Qorti kellha d-dritt u d-dover li tesigi li dak li jkun miftiehem jigi osservat "pacta sunt servanda" u fin-nuqqas li timponi r-rizoluzzjoni tal-kuntratt." Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell qablet mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti u rriteniet li l-attur kien inadempjenti fl-obbligazzjoni tieghu skond l-iskrittura taht ezami izda li tali inadempjenza ma kenitx tali li kellha twassal inevitabbilment ghar-rizoluzzjoni tal-ftehim u kien il-kaz li l-attur jigi moghti l-opportunita` li jadempixxi l-obbligazzjonijiet tieghu fiz-zmien lilu impost u li l-kundizzjoni rizoluttiva tiskatta biss f' kaz li jibqa' inadempjenti. Il-Qorti cahdet l-appell incidentali u kkonkludiet li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet sostanzjalment korretta. Cahdet l-appell principali u incidentali b' dan li t-terminu ta' xahar koncess mill-ewwel Qorti kellu jibda jiddekorri mis-6 ta' Ottubru 1999 u rrimettiet il-process lil din il-Qorti diversament presjeduta. Importanti pero` li wiehed isemmi li fl-evalwazzjoni taghha l-Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni li barra l-

Lm14,000 l-attur kellu jghaddi lill-konvenut is-somma ta' Lm6,000. Cahdet li l-konvenut kellu jikkontribwixxi l-ammont ta' Lm6,000 kif ippretenda l-attur (fol 239 tal-process – 19 tas-sentenza). Infatti ssir referenza ghall-kliem "din il-Qorti ma tifhimx kif jista' dan il-kliem ifisser haga ohra hlief li dawn is-sitt elef lira Maltin (Lm6,000) kellhom ukoll jithallsu mill-attur." L-obbligi ta' Francis Fenech kienu jikkonsistu f' li hu jbiegh minn dawn il-plots u sabiex jirranga fuq tomna art f' San Pawl tat-Targa ghall-attur, b' dan li l-qliegh kellu jkun bi shab. L-involviment tal-attur kien li jipprovdi l-kapital jew almenu parti sostanzjali minnu.

Gew ezebiti il-kuntratti ta' akkwist u vendita u dan kif jidher fl-iskeda hawn taht:

| **Fol** | **Data** | **Venditur** | **Kumpratur** | **Kejl m.k.** | **Plot Nru** | **Prezz** | **Sen** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 291 | 21-12-87 | Brincat G/P | Fenech Francis | 3943.3 | | 14000 | |
| 293 | 10-06-88 | Fenech Francis | Caruana J M | 178.94 | 1 | 1600 | skor |
| 296 | 10-06-88 | Fenech Francis | Calleja G | 206.07 | 2 | 1600 | skor |
| 299 | 10-06-88 | Fenech Francis | Baldacchino R | 193.78+180.04 | 3,4 | 2000 | |
| 302 | 10-08-88 | Fenech Francis | Grima Philip | 185.388+175.113 | 5,6 | 2800 | |
| 307 | 23-08-88 | Fenech Francis | Agius P | 184.29 | 7 | 1500 | |
| 310 | 17-10-88 | Fenech Francis | Caruana J | 426.93 | 8 | 1800 | |
| 314 | 12-08-88 | Fenech Francis | Sciberras S | 178.94+169.82 | 9,10 | 3000 | |
| 317 | 01-06-90 | Fenech Francis | Aquilina J | 266.31 | 11 | 1600 | |
| 322 | 14-02-89 | Fenech Francis | Aquilina A | 352.09 | 12 | 1700 | |
| 325 | 20-12-89 | Fenech Francis | Caruana J M | 215.59 | 13 | 2000 | |
| 32 | 09-05- | Fenech | Azzopardi J | 196.11 | 14 | 1600 | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | 89 | Francis | | | | | |
| 33<br>4 | 17-05-<br>89 | Fenech<br>Francis | Zammit A | 182.98 | 15 | 1600 | |
| 32<br>7 | 17-05-<br>89 | Fenech<br>Francis | Zammit<br>Grazio | 178.85 | 16 | 1600 | |
| 34<br>0 | 17-05-<br>89 | Fenech<br>Francis | Zammit E | 181.09 | 17 | 1600 | |

Mill-prospett [li jinsab a fol 351] ipprezentat mill-konvenut dan isemmi li kellu LM21439 spejjez inkluz ix-xiri tal-art, u dhul kif jidher mill-kuntratti Lm26000 u ghalhekk profitt ta' LM4561, u jsostni li LM1518 taxxa.

Meta xehed il-konvenut hu esebixxa pjanta bi 17-il plot tal-Gandlora, 15-il kuntratt, 2 permessi relattivi ghal plot 1 u plot 10, 2 ittri lill-Ministru li fihom intalbet li jitnehhew il-front gardens, rendikont ta' l-ispejjez li ghamel u x'baqghalu bhala profitt u diversi ircevuti ohra. Semma li hu ma jafx jaqra u li hemm fuq il-kuntratt huwa dak li xtara. Mistoqsi dwar id-dokument K21 qal li hu ta l-ircevuti u l-kontijiet lill-accountant Louis Farrugia liema rcevuti gew esebiti kollha u jinsabu fil-process. Semma li l-ftehim kien li Frans Cutajar jaghtih 20,000, hu jixtri l-art u jiehu hsieb jirranga kollox u jekk ikun hemm profitt, wara li jinqatghu l-ispejjez kollha jinqasam bejniethom. Semma li Cutajar tah Lm14,000 u s-Lm6,000 l-ohra ma tahomlux. Wara Cutajar talbu l-Lm14,000 u hu ddepozitahom il-Qorti u ghadhom hemm sallum. Qal li s-Lm6,000 baqa' jcahhdu minnhom.

Zied li xi sena ilu l-attur kien tah is-Lm6,000 ghalkemm hu ma ridhomx. Qal li dawk il-flus suppost kien tahomlu xi hmistax-il sena ilu u ma jafx ghaliex tahomlu issa l-flus. Semma li lill-accountant ghadu ma hallsux u ghad iridu jitnaqqsu l-ispejjez ta' l-accountant. Qal li s-sensar kien Karmenu Vassallo u kien tah Lm140 bhala senserija. Semma li t-thammil ghamlu Paul Falzon u thallas Lm1445 fis-17 ta' Lulju 1987. Qal li parti mill-art ma kenitx imdahhla fuq il-pjanta u biex ikun jista' jiftah hames plots kellu jmur il-Kurja u xtara sqaq. Sostna li lill-Kurja hallasha u hi tatu l-permess biex jirranga mal-bidwi li kien jahdem dik il-parti ta' l-ghalqa biex il-Kurja tkun tista' tidhol

bl-ingenji. Polidano Brothers witta t-triq, nehha l-hamrija u halliha terrapien biex ikunu jistghu johorgu l-permessi ghall-bini. Qal li l-prezz li nizzel fuq il-konvenju huwa l-istess li nizzel fiuq il-kuntratt. Semma li n-Nutar Philip Said mhux in-Nutar li ghamel il-kuntratti kollha ghalkemm ghamel hafna minnhom u ma jaqbilx li l-prezz indikat fuq il-konvenju u fuq il-kuntratt huwa differenti.

Xehed in-Nutar Philip Said u semma li bejn l-1988 'il quddiem il-konvenut kien ghamel diversi konvenji ghandu fejn hu kien ghamel weghda ta' bejgh ta' plots lil diversi nies fuq l-art tal-Gandlora f'Haz-Zebbug. Jaf li saru tmien konvenji fuq dik l-art ghandu u esebixxa kopja tal-kuntratt taghhom. Semma li wiehed mill-kuntratti datat 29 ta' Jannar 1988 kien sar bejn Francis Fenech u Philip Agius u l-prezz indikat fil-konvenju kien ta' Lm3000. Sar konvenju iehor bejn Francis Fenech u Anthony Aquilina datat 9 ta' Gunju 1988 ghall-ammont ta' Lm3,800. Semma li sar iehor datat 13 ta' Marzu 1991 bejn Francis Fenech u Joseph Gatt ghall-ammont ta' Lm11,000. Sar konvenju bejn Francis Fenech u Jesmond Azzopardi datat 2 ta' Frar 1989 ghall-ammont ta' Lm3050. Semma li saru tlett konvenji f'wiehed ghax tliet ahwa datat 14 ta' Gunju 1988 bejn Francis Fenech u t-tlett ahwa u cioe` lil Emanuel Zammit ghall-ammont ta' Lm2900, lil Grazio Zammit ghall-ammont ta' Lm2900 u lil Anthony Zammit ghall-ammont ta' Lm2900. Konvenju iehor bejn Francis Fenech u Joseph Aquilina datat 29 ta' Marzu 1988 ghall-ammont ta' Lm2800. Esebixxa permuta fejn sar tpartit bejn bicca art u karozza datat 18 ta' April 1991 u sar kuntratt f'dan il-kaz ma' Louis Camenzuli. Fil-permuta hemm l-ammont ta' Lm9600.

Fid-9 ta' Ottubru, 2003 il-partijiet qablu li l-attur jizbanka d-depozitu ta' Lm14000 u fl-20 ta' Jannar 2004 il-Qorti giet infurmata li l-attur kien ipproceda ghall-izbank.

Fil-5 ta' Mejju 2004 [fol 469] l-attur ipprezenta skeda tat-telf u spejjez kif ukoll l-ammonti dovuti lilu. Sostna li l-prezz veru tal-art kien LM20000 u mhux LM14000 kif imnizzel fil-kuntratt u ghalhekk is-senserija kienet ta'

LM200 u mhux LM140. Semma li kien hemm ukoll Boll LM497, Nutar Lm123, u Perit LM680 b'total ta' LM21500.

Dhul mill-bejgh kif indikat fil-kuntratti kien ta' LM26000. Izda fil-fatt kien hemm diversi diskrepanzi minn dak imnizzel fil-konvenji ghal dak li tnizzel fuq il-kuntratt. Id-diskrepanzi minn dak li xehed in-Nutar Philip Said fuq 7 mis-17 il-plot kienu hekk:

| Fol | Data | Venditur | Kumpratur | Kejl m.k. | Plot Nru | Prez | Konv | Prez Kon |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 307 | 23-08-88 | Fenech F | Agius P | 184.29 | 7 | 1500 | PS1 | 300 |
| 317 | 01-06-90 | Fenech F | Aquilina J | 266.31 | 11 | 1600 | PS6 | 280 |
| 322 | 14-02-89 | Fenech F | Aquilina A | 352.09 | 12 | 1700 | PS2 | 380 |
| 328 | 09-05-89 | Fenech F | Azzopardi J | 196.11 | 14 | 1600 | PS4 | 305 |
| 334 | 17-05-89 | Fenech F | Zammit A | 182.98 | 15 | 1600 | PS5 | 290 |
| 327 | 17-05-89 | Fenech F | Zammit Grazio | 178.85 | 16 | 1600 | PS5 | 290 |
| 340 | 17-05-89 | Fenech F | Zammit E | 181.09 | 17 | 1600 | PS5 | 290 |
| | | | | | | **11200** | | **2135** |

Fl-imsemmija skeda sostna li l-prezz li nbieghu l-plots ghandu proporzjonalment jitqies bhala LM51850 bazat fuq il-prezz indikat fil-konvenji tal-plots 7, 11, 12, 14, 15, 16, 17.

L-attur sostna li mill-prezz ta' LM51850 wiehed ried inaqqas l-ispejjez u cioe' LM21500 u jispicca b'bilanc ta' LM30350 u sehem l-attur kellu jkun LM15175. Ikkontenda li huma dovuti l-imghaxijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda ftehim li sar bejn il-kontendenti li ftehmu li jaghmlu negozju bi shab ta’ immobbli permezz ta’ skrittura privata bejniethom datata 19 ta’ Gunju 1987. Irrizulta li l-attur hallas erbatax-il elf lira Maltin (LM14,000) lill-konvenut dakinhar stess li gie ffirmat il-ftehim. L-attur sostna li ghalkemm, il-konvenut xtara l-art, beda jbieghha fi plots u dahal f’diversi konvenji. L-attur ilmenta li l-konvenut ma beda jtih l-ebda rendikont rigwardanti n-negozju u naqas milli jonera l-obbligazzjonijiet tieghu skond il-Ftehim.

Min-naha l-ohra, l-konvenut eccepixxa li l-ftehim m’ghadux iktar vinkolanti stante li l-attur naqas li jghaddilu s-somma ta’ sitt elef lira Maltin (LM6,000) fi zmien tliet xhur mid-data tal-ftehim, liema eccezzjoni diga giet deciza minn din il-Qorti, u kif ukoll mill-Qorti ta’ l-Appell, permezz ta’ sentenza li nghatat fis-6 ta’ Ottubru 1999, fejn giet ikkonfermata s-sentenza moghtija precedentement mill-Prim’ Awla Qorti Civili. Illi l-Qorti ta’ l-Appell waslet ghall-konkluzjoni li l-attur kien verament inadempjenti fl-obbligu tieghu li javvanza wkoll lill-konvenut is-somma ta’ sitt elef liri Maltin (LM6,000), skond kif minnu obbligat fl-iskrittura taht ezami. Illi l-inadempjenza kellha tigi sodisfatta taht piena ta’ rizoluzzjoni tal-kuntratt jekk l-attur jonqos li jissodisfa l-obbligu tieghu fiz-zmien lilu moghti mill-Qorti.

Ladarba dan il-punt legali diga gie deciz, irid jigi ezaminat jekk is-somom ta’ flus in kwistjoni ghaddewx kif suppost, u jekk hemmx lok ghal danni sofferti. Illi ftit wara li nfethet din il-kawza l-konvenut iddepozita s-somma ta’ erbatax-il-elf liri Maltin (LM14,000) fir-Registru ta’ din il-Qorti fit-3 ta’ Ottubru 1988, permezz ta’ cedola numru 55/88, stante li l-attur kien irrifjuta li jircevihom bil-kundizzjoni hemm imnizzla.

Illi gie stabbilit diga li l-attur kien inadempjenti fil-fatt li ma ghaddiex lill-konvenut is-sitt elef lira l-ohra. Madankollu fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Bonello noe vs Phoenix Co. Ltd.** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fil-25 ta’ Settembru 2003, inghad: “Illi madankollu biex jinghata lok ghall-eccezzjoni tan-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligazzjoni (***exceptio inadimpleti contractus***) jehtieg l-ewwel nett li

jkun hemm rabtiet jew obbligazzjonijiet bejn iz-zewg partijiet imnisslin mill-istess rapport sinallagmatiku. Minbarra dan, jehtieg li l-gudikant ikun sodisfatt li hemm proporzjon bejn l-inadempjenza attribwita bil-htija ta' l-attur, u dik rifjutata mill-konvenut". (ara wkoll il-kawza fl-ismijiet **St. Andrew's Farm & Building Co. Ltd. vs Henry Sultana** fis-26 ta' April 2002).

L-iskrittura bejn il-kontendenti, li nkitbet minn Cutajar Francis hekk kif xehed huwa stess, tghid hekk: "Jien ha naghtih (14,000) erbatax-il elf lira Maltin u jibqa' (6,000) sitt elef ohra li jridu jithallsu sa zmien (3) tliet xhur mil-lum, u Francis Fenech jobbliga ruhu wkoll sabiex jirrangali fuq tomna art ghalija f'San Pawl tat-Targa. Dawn il-plots huma li l-qliegh taghhom huwa bi shab".

Mid-depozizzjoni moghtija min-Nutar Philip Said irrizulta li minn ta' l-anqas 7 mill-kuntratti jindikaw prezz ta' bejgh falz b' mod li ghalkemm il-konvenju gie dikjarat prezz fil-fatt fuq l-att finali gie indikat prezz iehor li jersaq lejn id-doppju ta' dak indikat fil-konvenju. Dan jidher car mit-tieni skeda hawn fuq maghmula. Dan ifisser li fuq is-7 plots indikati, 7, 11, 12, 14, 15, 16, 17 minnflok ma gie mhallas lill-konvenut Lm11,200 gie mhallas Lm21,350. Il-partijiet ipprezentaq skeda ta' dhul u hrug li kien hemm f' din il-bicca negozju, fejn l-attur sostna a fol 470 li l-ispejjez totali kienu jammontaw ghal Lm20,000 prezz tal-art, Lm497 boll, Lm123 nutar, Lm200 senserija, Lm680 Perit, b' total ta' Lm21,500. L-istess attur sostna li l-prezz medju tal-plots mibjuha kien ta' Lm30,350 u ghalhekk sostna li t-total ta' dhul kien jammonta ghal Lm51,850 li minnu trid tnaqqas Lm21,500 kif imsemmi hawn fuq bhala prezz tal-art u spejjez li fil-fehma tal-attur ihalli qliegh ta' Lm30,350 li ghandu jinqasam bejn zewg ishma li ghalhekk jammonta ghal Lm15,175 bhala s-sehem tieghu.
Min-naha l-ohra l-konvenut isostni li l-ispejjez minnflok ma huma Lm21,500 kif imsemmi mill-attur, dawn jammontaw ghal Lm40,608. Dan hu bazat fuq dokument a fol 476 li wara li jsemmi li d-dhul totali huwa ta' Lm50,150 jikkonkludi li l-profitt fuq il-bejgh tal-plots kien ta' Lm9,542 b' taxxa ta' Lm3,690 li jhalli net profit ta' Lm5,852.

Il-Qorti ghandha problema ghax jidher car li hadd mill-partijiet ma jghid il-verita` u specjalment il-konvenut li hu totalment persuna li ma tistax taghtih affidament. Infatti irrizulta li wara li xehed li l-ammonti huma veritjiera, sussegwentement biddel il-verzjoni meta iffaccjat b' dokumenti li juru l-oppost. L-attur isostni li d-dhul mill-bejgh tal-plots kien Lm51,850 waqt li l-konvenut Lm50,150. Il-Qorti sejra tqis l-ammont ghal Lm51,000. Il-partijiet ma jaqblux dwar l-ispejjez involuti ghax filwaqt li l-attur isemmi biss Lm1,500 ohra, il-konvenut isostni Lm20,608. L-ewwel tibdil li hemm huwa dak relattiv ghax-xiri tal-art li f' daqqa wahda ghalkemm fil-kuntratt indikata bhala Lm14,000 a fol 292 tal-process klawsola 1, a fol 475 il-konvenut jindikaha bhala Lm31,000 u in sostenn ta' dan isemmi dak li inghad mill-Perit Legali a fol 54. Il-Qorti m' ghanmdhiex provi sufficjenti li x-xiri tal-art sar bil-Lm31,000 u ghalhekk sejra tqis bhala validu l-Lm14,000 imsemmi. L-attur stess jammetti spejjez ta' Lm497 bhala boll, Lm123 spejjez tan-nutar, Lm200 bhala senserija u Lm680 tal-perit. Apparti li l-konvenut ma jaqbilx mad-differenza fil-prezz u naturalment senserija dovuta, isemmi wkoll Lm7,998 spejjez ohra, inkluz ***admonistration expenses*** ta' Lm1,800 li certament ma kien hemm ebda ftehim dwarhom. Il-Qorti ***arbitrio boni viri*** tqis li kellu jkun hemm spejjez ta' Lm3,000 ohra. Dan iwassal li spejjez ghax-xiri kienu jammontaw ghal Lm24,500 waqt li d-dhul kif isemma fuq gie stmat bhala Lm51,000 li jhalli bilanc ta' Lm26,500, li wara li titnaqqas it-taxxa thalli Lm17,649 bhala qliegh fuq l-art li diviza bejn tnejn tammonta ghal Lm8,825. Fil-fehma tal-Qorti dan hu l-ammont li l-konvenut kellu jirrifondi lura bhala qliegh fuq l-art minghajr ma jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra li sejrin jissemmew.

Barra minn dan l-ammont l-attur kien hareg Lm14,000 u Lm6,000 u ghalhekk kellu jinghata lura s-somma ta' Lm28,825 izda li zbanka LM13,866 li ghalhekk igib ammont dovut ta' Lm14,959.

Il-partijiet ghamlu hafna sottomissjonijiet relattivament ghal imghax dovuti b' mod li l-attur talab Lm29,175 u

Lm2,080 b' kollox Lm31,255, liema somma l-konvenut ikkontesta.

Dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likkwidat. Il-principju hu li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

**Salvatore Camilleri noe vs. Candida Dimech ed altri** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:
"..............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione.............."

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:
"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:
"Ma non essenso chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".

**Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:

“ ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni”.

**Maria Ellul Bonnici et vs. Felice Mercieca et noe** (26 ta’ April, 1950) Qorti Civili Prim’Awla:
“L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta’ l-approvazzjoni taghha”.

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta’ l-Appell 29 ta’ Mejju, 1988.

**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta’ Dicembru, 1991):
“Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta’ l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti”.

**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta’ Marzu, 2001.

Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta’ meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax seta’ jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta’ Novembru 2001 inghad:
“Din il-Qorti allura mhix qeghda b’mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita’ ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur “ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f’kawza ta’ likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza...........” hi s-suggett ta’ zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.
***Omissis***

B’dana kollu din il-Qorti f’kawza b’mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita’ li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta’ responsabilita’ ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta’ likwidita’ tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita’ ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta’ l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat.” [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim’Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta’ Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:
“Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta’ danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b’att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;” [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim’ Awla fis-16 ta’ Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b’referenza ghal ***in illiquidis non fit mora*** inghad:
“Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista’ jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista’ ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teor Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 Schembri vs Dr L Buhagiar 28/2/1997.

Ghalhekk il-principju generali hu li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita` li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita` ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu.

Il-Qorti thoss li fil-kaz in ezami l-ammont dovut ma kienx b' ebda mod cert u likwidu u anqas ma kien hemm raguni ghala l-principju ta' ***in illiquidis non fit mora*** ma kellux jigi applikat jew ikun temperat b' xi mod. Infatti ma kien hemm ebda assunzjoni ta' responsabbilta` ghall-hlas da parti tal-konvenut kif jissemma hawn fuq u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-imghaxijiet huma dovuti mil-lum u mhux precedentement.

Li l-ftehim ta' bejn il-kontendenti m' ghadux aktar vincolanti gie deciz kif issemma precedentement.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut li hu offra li jirrifondi lill-attur Lm14,000 hija bil-fors michuda ghar-ragunijiet kif espressi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 u infatti dan hu rifless mill-fatt li l-istess Qorti tat lill-attur zmien xahar ghall-hlas tas-Lm6,000.

It-tielet eccezzjoni li l-kawza saret inutilment hija michuda ghall-istess motivi ghax infatti gie deciz li l-attur kellu dritt li jhallas is-Lm6,000 fi zmien xahar u l-ftehim jibqa' validu.

Dwar l-eccezzjonijiet rikonvenzjoinali 1 u 2 dawn mhux eccezzjonijiet ***ut sic***.

Dwar it-tielet eccezzjoni li ma saritx rexissjoni, din giet accettata b' mod implicitu fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Wiehed ghalhekk issa jrid jezamina t-talbiet rikonvenzjonali fejn l-ewwel intalab ix-xoljiment tal-ftehim bejn il-kontendenti u minhabba s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 l-ewwel talba rikonvenzjonali hija michuda.

It-tieni talba tirrigwarda mandati kawtelatorji u m' ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni f' dan il-kuntest.

Dwar it-tielet talba biex Francis Cutajar jinzamm responsabbli ghal danni kif spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti tqis li kien il-konvenut li kellu jhallas lura lill-attur minhabba dikjarazzjonijiet foloz li ghamel fil-kuntratti tat-trasferimenti u ghalhekk l-istess tielet talba rikonvenzjonali hija michuda.

Dwar it-talbiet tac-citazzjoni biex il-konvenut jigi kkundannat jipprezenta r-rezokont tan-negozju, f' dan l-istadju huwa inutili minhabba li r-rezokont li pprezenta l-konvenut a fol 475 fit-28 ta' Ottubru 2004 kien ***altro che`*** tardiv u inezatt u l-Qorti bil-fors trid tistrieh fuq il-kalkoli li ghamlet hi.

It-tieni talba attrici hija biex jigi likwidat il-qliegh maghmul fl-istess negizju mill-konvenut, haga li l-Qorti hadmet hawn fuq u waslet ghall-figura ta' Lm28,825 li fil-kors tal-kawza gew zbankati Lm13,866 u li ghalhekk l-ammont dovut illum huwa ta' Lm14,959, u l-Qorti qed tillikwida l-ammont dovut illum f' dan l-ammont.

Dwar it-tielet talba ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas dan l-ammont, il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Lm14,959 minhabba li Lm13,866 gja gew zbankati.

Dwar ir-raba' talba attrici biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur l-Lm14,000 minhabba li sar l-izbank, dan m' ghadux aktar applikabbli.

Il-hames, sitt u s-seba' talbiet kollha jirreferu ghal danni u fil-kors tal-kawza d-danni li semmew huma l-imghaxijiet. Il-hames talba ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta` ta' danni dovuta mill-konvenut lill-attur ma tistax tigi milqugha minhabba l-principju ta' ***in illiquidis non fit mora***.

Ghall-istess raguni l-Qorti ma tistax tillikwida d-danni mitluba fis-sitt talba.

Ghall-istess raguni ma tistax il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas danni fis-seba' talba.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi fuq imsemmija, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet u talbiet l-ohra hlief dawk relattivi ghall-ewwel tliet talbiet tac-citazzjoni, il-Qorti tillikwida l-ammont dovut bhala Lm28,825 izda li ghad fadal minhabba l-izbank Lm14,959 u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ulterjuri ta' Lm14,959.

Bl-imghaxijiet mil-lum. Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------